**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 728/2022DC**

***Josephine Xuereb et***

***vs***

***Doris Fenech et***

Illum, l-14 ta' Diċembru 2023

**Il-Qorti**

Illi rat ir-rikors ġuramentat ta'l-atturi permezz ta' liema, u għar-raġunijiet hemm premessi, talbu lill-Qorti sa biex, *inter alia*, tiddikjara li l-għerien li jinstabu taħt il-propjeta tagħhom jiffurmaw parti integrali minn dik il-propjeta, li l-iskavar li sar mill-konvenuti f'dawn l-għerien sar b'mod abbużiv, u li konsegwentement l-konvenuti qed jokkupaw l-imsemmija għerien illegalment.

Rat li r-rikors tal-konvenuti preżentat nhar il-15 ta' Frar 2023[1] permezz ta' liema talbu li jiġu awtorizżżati jippreżentaw risposta ġuramentata.

Rat ir-risposta ta'l-atturi preżentata fil-15 ta' Mejju 2023[2] permezz ta' liema opponew din it-talba.

Semgħet is-sottomissjosnijet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

[1] A fol 133.
[2] A fol 145.

Illi jibda biex jingħad li l-konvenuti gew notifikati bir-rikors ġuramentat fil-11 ta' Ottubru 2022[3]; din il-kawża kienet appuntata l-ewwel darba għas-smigħ f'l-4 ta' Novembru 2022.

Illi permezz ta' rikors preżentat fit-2 ta' Novembru 2022[4] il-konvenuti wara li ppremettew illi kienu kontumaċi, talbu li jiġu awtoriżżati jressqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi  fit-3 ta' Novembru 2022 il-konvenuti preżentaw risposta ġuramentata.

Illi f'l-udjenza miżmuma f'l-4 ta' Novembru 2022[5] il-konvenuti iddikjaraw li qed jippreżentaw rikors ieħor intiż biex "*tiġġustifika għaliex ir-risposta maħlufa ma ġietx preżentata fit-terminu ta' għoxrin jum imsemmi fil-Liġi*".

Illi fil-fatt mill-atti jirriżulta li f'l-4 ta' Novembru 2023 ġie preżentat rikors ieħor tal-konvenuti[6]; permezz ta' dan ir-rikors pero l-konvenuti reġgħu talbu l-awtoriżazzjoni biex jressqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi b'deġriet mgħoti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'l-24 ta' Novembru 2022[7] il-Qorti ċahdet iż-żewġ rikorsi u ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata stante li ma ġietx preżentata fit-terminu. Il-kawża kompliet bil-ġbir tal-provi ta' l-atturi.

Illi mbagħad fil-15 ta' Frar 2023 l-konvenuti preżentaw r-rikors odjern permezz ta' liema qed jitolbu l-awtoriżazzjoni biex jippreżentaw risposta ġuramentata. L-atturi qed jopponu din it-talba.

Ikkunsidrat

Illi kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza l-istitut tal-kontumaċja dejjem kien wieħed ta' kontroversja u dan tenut kont ta' l-effetti odjużi li thalli l-applikazzjoni tiegħu. Gie ribadit diversi drabli li:

> *L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejħ bħala għemil li jistħoqqlu piena, dik li ma*

[3] Ref riferta a tergo ta' fol 18.
[4] A fol 19.
[5] Ref verbal a fol 29.
[6] A fol 31.
[7] A fol 82.

*jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' dizordni soċjali. Dik il-preżenza tal-imħarrek - fatt fiħ innifsu pożittiv- hija invece meħtiega bħala parti mill-indaġini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*[8]

Illi skond insenjament assodat b'mod kostanti fil-ġurisprudenza il-"linji gwida" li għandhom jirregolaw lill-qrati fid-deliberazzjoni dwar ġustifikazzjoni tal-kontumaċja huma s-segwenti:

1) *Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
2) *Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*
3) *Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
4) *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
5) *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*
6) *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-*kolpa;
7) *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*
8) *L-impossiblita' li wieħed jidher għas-*subizzjoni jew almenu d-*diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*[9]

Illi aktar minn hekk il-ġurisprudenza tagħmel tirreferi ghad-*differenza sostanżjali bejn il-konvenut li juri nuqqas ta' interess fil-kontestazzjoni għat-talba ta'l-attur u anki ma jidhirx fl-udjenza meta jiġi msejjaħ biex jidher, u bejn dak il-konvenut illi jindika illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attriċi pero dan m'għamlux bil-mod previst mill-liġi jew fit-termini previsti mill-liġi*[10]. Huwa essenzjali pero li jiġi pppruvat li l-

[8] Ref *Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited* deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005.
[9] Ref *Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937.
[10] Ref *Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines* deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993.

kontestazzjoni ma tkunx saret, jew jekk saret tardivament, għal raġunijiet li ma jaħtiex għalihom il-konvenut. Huwa fil-fatt stabbilit li

> *f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*"[11].

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in eżami, u kif diġa ntqal, il-konvenuti ġew notifikati bir-rikors ġuramentat fil-11 ta' Ottubru 2022, għalhekk kellhom sa'l-1 ta Novembru 2022 biex jippreżentaw r-risposta ġuramentata; ir-risposta ma ġietx preżentata. Fit-2 ta' Novembru ġie preżentat rikors permezz ta' liema l-konvenuti, wara rrikonoxxew li huma kienu kontumaci, talbu jiġu awtorizzati jressqu eċċezzjoni ta' preskrizzjoni; l-għada, it-3 ta' Novembru, preżentaw risposta ġuramentata. Gurnata wara, f'l-4 ta' Novembru, dehru għall-ewwel smigħ tal-kawża flimkien ma'l-avukat tagħhom; dak in-nhar l-Avukat Mercieca iddikjarat li kienet qed tippreżenta rikors biex tiġġustifika l-kontumaċja tal-konvenuti. Fil-fatt dak in-nhar stess ġie preżentat rikors pero it-talba dedotta ma kenitx biex il-konvenuti jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom imma rega' saret talba biex jiġu awtorizzati jippreżentaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-konvenuti ma deherux f'l-udjenza sussegwenti, u kien biss fil-15 ta' Frar 2023 li preżentaw ir-rikors in eżami. Fih[12] l-Avukat Mercieca tgħid li fiż-zmien li l-konvenuti irċevew r-rikors ġuramentat missierha kien rikoverat l-isptar "*qed jilgħabha mal-mewt*" u li bħala konsegwenza hija kienet għaddejja minn problemi kbar.

Illi l-qrati tagħna kellhom l-opportunita jippronunzjaw ruħhom dwar dawk il-każijiet meta in-nuqqas tal-konvenuti milli jipprereżentaw ir-risposta ġuramentata fit-terminu statutorju jkun riżultat ta'l-imġiba jew l-operat ta' terza persuna. Fis-sentenza mgħotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 2003 fil-kawża f'l-ismijiet *Waldonet vs David Thake* intqal hekk:

> *F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi (f'liema każ il-Qorti normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew*

[11] Ref *Carmelo Bugeja vs Mary Farrugia* deċiza mill-Qorti ta'l-Appell fis-16 ta' Frar 1996.
[12] U anke dak preżentat f'l-4 ta' Novembru 2022.

> *tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet jgħaddi għal xejn;*[13]

Illi l-Qrati pronunzjaw ruħhom ukoll dwar meta jista' jkun hemm raġunijiet ta' saħħa li jimpedixxu lill-konvenut milli josserva it-termini imposti għall-preżentata tar-risposta ġuramentata. Intqal li:-

> *il-Qrati ġeneralment urew li lesti li jagħtu lil persuna li turi li tassew kellha raġunijiet tajba minħabba l-istat ta' saħħitha, il-kreditu kollu biex titqies li ġġustifikat il-kontumaċja tagħha. Madankollu, r-raġuni waħedha li persuna kienet marida fil-jiem li fiha setgħet jew messha tressaq nota tal-eċċezzjonijiet ma jġibx b'daqshekk biss li l-kontumaċja tagħha kienet mistħoqqa, għaliex trid tintwera ċirkostanza ta' impediment invinċibbli li minħabba fih dik il-persuna tkun miżmuma milli tikkomunika mal-avukat tagħha.*

Ikkunsidrat

Illi mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova dwar il-fatti allegati mill-Avukat Mercieca fir-rikors odejrn. Minkejja dan il-Qorti tagħżel li taċċetta bħala veritjier dak li ntqal dwar l-istat ta' saħħa ta' missier l-Avukat Mercieca u l-effett li dan halla fuqha. Pero, anke in linea mal-ġurisprudenza fuq ċitata, huma meħtieġa provi oħra biex ikun intwera li l-konvenuti ġew rinfaċċjati b'impediment invinċibbli. Dan il-konvenuti naqsu li jagħmluh għaliex ma' nġiebet l-ebda prova dwar fatti oħra relevanti għad-deċizjoni odjerna, fatti bħal meta il-konvenuti kkomunikaw ma'l-avukat Mercieca, jekk ġietx esplorata l-possibilta li l-konvenuti jinkarigaw avukat ieħor, x'ġara eżattament biex ir-risposta ma ġietx preżentata fit-terminu statutorju u fatti oħra li setgħu jitfgħu dawl dwar x'inizjattiva ħadu l-konvenuti biex dak rikjest minnhom isir tempestivament. Fattur ieħor ta' ċerta relevanza huwa dak li r-rikors odjern gie preżentat fil-15 ta' Frar 2023, cioe kważi tlett xhur mid-data tad-degriet in forza ta' liema ġiet sfilzata ir-risposta ġuramentata.

Illi fin-nuqqas ta' xi prova kwalunkwe li turi li kien hemm mhux biss kawża ġusta li impediet lill-konvenuti milli jagħmlu dak li kienu fid-dover li jagħmlu, imma li kienu jeżistu ukoll cirkostanzi ta' impediment invinċibbli li żammhom milli, tramite l-avukat Mercieca jew xi avukat ieħor, jikkontestaw il-kawża bil-mod kif trid il-Liġi, il-Qorti m'għandha l-ebda għażla hlif li tiċħad it-talba tal-konvenuti. Dan il-Qorti tgħidu konsapevoli

[13] F'dan is-sens ukoll: *Robert Bondin Carter vs Frank Zahra* Prim' Awla deċiza f'l-24 ta' Jannar 2017 u *Victoria Tabone vs Daniel Orsini* Prim'Awla deċiza f'l-4 ta' Lulju 2017

li *l-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi waħda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun*[14].

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors tal-15 ta' Frar 2023 b'l-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[14] Ref *Waldonet vs David Thake* op cit.